**25 ta' Jannar, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Philip Agius

**Vjolazzjoni ta' Proprjetà — Dar tal-Abitazzjoni u Għalqa — Servitù Personali — Dritt ta' Obligazzjoni — Art. 353(o) u 354(d) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Min jidħol fil-proprjetà ta' ħadd ieħor, jekk din hija għalqa, ma jikkommettix il-vjolazzjoni kontemplata fl-art. 353(o) tal-Kodiċi Kriminali, għax din id-dispożizzjoni tirriferixxi għal dar tal-abitazzjoni; iżda jikkommetti l-kontravvenzjoni prevista fl-art. 354(d) tal-istess Kodiċi.*

*Din l-aħħar imsemmija kontravvenzjoni tippostula r-rekwiżit tal-ħsara tas-sid tal-għalqa. Imma din il-ħsara tista' tkun konsistenti anki fil-fatt li min jikkommetti dik il-kontravvenzjoni jaġixxi bl-idea li qiegħed jeżerċita dritt, li fil-fatt ma għandux, u b'menomazzjoni tad-drittijiet tas-sid.*

*Huwa risaput illi anki fir-raba' bi qbiela, għad li ma jistgħax ikun hemm servitujiet predjali proprjament hekk imsejħa, bejn il-gabillotti, eppure jista' jkun hemm bejniethom dawk l-arranġamenti, ossija "modus operandi", jew, kif jissejħu fil-ġurisprudenza, servitujiet personali, jew serviġi, jew "diritti di obligazione".*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat talli f'Ħal Qormi, fit-13 ta' Ottubru 1957, f'xi 7 a.m., daħal fil-għalqa ta' Giovanni Maria Grech, li qegħedha f'Tal-Ħlas limiti ta' Ħal Qormi, mingħajr kunsens tiegħu, u barra minn dan, indirettament hedded lil Antonio Grech;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-20 ta' Novembru 1957, li biha sabitu ħati skond l-ewwel imputazzjoni, u kkundannatu ammonizzjoni u riprensjoni, u lliberatu mit-tieni imputazzjoni stante li mhix pruvata;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mill-provi deher soddisfaċentement li l-imputat għandu bir fir-raba' ta' Gio Maria Grech, li jintelgħa b'kanal taħt l-art. Skond il-pattijiet lokatizji, hu jista' jasal biss sal-bir. Irriżulta li l-imputat daħal ġo r-raba' ta' Grech, u, minflok ma ħalla l-ilma tal-wiċċ (li ma hux tiegħu) imur, kif kien sejjer meta għamlet ix-xita, għas-siġar u s-sieqja ta' Grech, dawwru għal ġo l-bir tiegħu;

Din hi ċertament vjolazzjoni ta' proprjetà. L-art. 353(o) Kap. 13 imsemmi fis-sentenza tal-Ewwel Qorti, ma jgħoddx għall-każ, għax dak l-artikolu, fl-inċiż tiegħu rikordat, jirriferixxi għal djar tal-abitazzjoni, mentri dan hu każ ta' għalqa. Iżda jgħodd għall-każ l-artikolu l-ieħor, imsemmi wkoll fis-sentenza appellata, ċjoè l-art. 354(d) ibidem;

Ġie prospettat id-dubju jekk jikkonkorrix ir-rekwiżit tal-ħsara tas-sid, postulat fl-inċiż. Ingħad mid-difiża li dik il-ġurnata li fiha saret din il-vjolazzjoni kien hemm xita torrenzjali, u l-għelieqi kienu inondati bl-ilma; u dan hu veru. Ingħad, għalhekk, illi, ladarba kien hemm ilma għax-xaba', u kwindi għal kullħadd, ħsara ma kienx hemm. Dan l-argument hu speċjuż; għaliex, apparti li sid l-għalqa kellu dejjem id-dritt li l-ilma jmur, avvolja bl-abbundanza, għas-siġar u s-sieqja tiegħu, hemm dejjem il-ħsara, ossija preġudizzju, konsistenti filli l-imputat kien qiegħed jeżerċita dritt li ma kellux, u b'menomazzjoni tad-drittijiet tas-sid. Hu risaput li anki fir-raba' bi qbiela, għad li ma jistax ikun hemm servitujiet predjali proprjament hekk imsejħa, bejn il-gabillotti, eppure jista' jkun hemm bejniethom dawk l-arranġamenti, ossija "modus operandi", jew, kif jissejħu fil-ġurisprudenza, servitujiet personali, jew serviġi, jew "diritti di obbligazione". Bl-azzjoni tiegħu, l-imputat kiser dawn l-arranġamenti għad-dannu ta' sid l-għalqa;

*Għalhekk tiddeċidi;*

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.